MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2011

Appell Civili Numru. 304/2010/1

**Maria Axisa**

**v.**

**Joseph Axisa**

**Il-Qorti:**

Dan hu provvediment dwar l-eccezzjoni ta' nullita` tal-appell li gie introdott minn Joseph Axisa wara digriet moghti fit-2 ta' Novembru, 2010 mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja. Dik il-Qorti tat id-digriet taghha wara li z-zewg partijiet, li ghaddejin proceduri ta' separazzjoni personali,

talbu lill-Qorti sabiex pendente lite tordna lill-parti l-ohra tohrog mid-dar matrimonjali u thalli l-istess ghall-uzu esklussiv tal-parti rikorrenti; bid-digriet taghha, l-Qorti ordnat lil Joseph Axisa jallonta ruhu mill-fond matrimonjali fi zmien gimghatejn. Dan Joseph Axisa ressaq appell minn dan id-digriet fit-8 ta’ Novembru, 2010, u l-parti l-ohra ressqet pregudizzjali ta’ nullita` tal-appell peress li l-istess mhux kontemplat fil-ligi u, f’kull kaz, tressaq minghajr ma giet segwita l-procedura li jrid l-Artikolu 229(3) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Il-Qorti, wara li semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, u rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti relattivi, sejra issa tghaddi ghas-sentenza taghha fuq dan il-punt.

L-appellant Joseph Axisa jghid li hu appella a bazi tal-Artikolu 281, abbinat mal-Artikolu 253(a) tal-imsemmi Kap. 12, izda l-appell jista’ wkoll jitqies validu ai termini tal-Artikolu 229 tal-imsemmija ligi.

Ezaminat l-Artikoli 253(a) u 281, din il-Qorti tosserva li fil-waqt li digrieti tal-Qorti jistghu jitqiesu “titoli ezekuttivi” ai termini tal-Artikolu 253(a), u dan meta jikkontjenu ordnijiet definittivi, dawk id-digrieti ma humiex impunjabbli bis-sahha tal-Artikolu 281. Dan l-ahhar artikolu jaghti lok ta’ kontestazzjoni tal-“att ezekuttiv” li jinhareg in esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv. Id-digrieti u s-sentenzi huma titoli ezekuttivi, impunjabbli kif u sa fejn trid il-ligi. Min-naha l-ohra l-ezekuzzjoni tas-sentenza jew id-digriet isiru kif trid il-ligi fl-Artikolu 273, li titkellem fuq l-“atti” ezekuttivi. Huma dawk l-atti li, se mai, jistghu jigu attakkati bil-procedura kontemplata fl-Artikolu 281, u mhux it-titolu nnifsu.

Hawnhekk, l-appellant qed jipprova jinqeda bl-Artikolu 281 biex jattakka t-titolu ezekuttiv, haga li mhix permessibbli.

Din il-Qorti lanqas ma tara li l-Artikolu 229 huwa applikabbli ghall-kaz. Dak l-artikolu, hu car, jitratta appelli minn digrieti pendente lite, filwaqt li, f’dan il-kaz, id-digriet inhareg waqt li l-partijiet kienu fl-istadju ta’ medjazzjoni u, kwindi, meta ma kienx ghad hemm kawza. Dak l-artikolu

jispjega fid-dettal mil-liema digrieti mahruga fil-kors tas-smigh ta' kawza mhux permess appell qabel is-sentenza definittiva, mil-liema digrieti hemm dritt awtomatiku ta' appell, u mil-liema digrieti jista' jsir biss appell qabel is-sentenza wara permess mill-Qorti li tkun tat id-digriet. Hu car li l-ligi qed tirreferi ghad-digrieti moghtija waqt smigh ta' kawza, specjalment meta tqis il-htiega li certu atti jsiru mill-Qorti bil-miftuh, b'appell isir wara qari tad-decizjoni fil-miftuh jew fid-data tal-ewwel seduta bil-miftuh wara l-ghoti tad-digriet in camera. Fl-istadju ta' medjazzjoni ghad ma hemmx "kawza" bejn il-partijiet u lanqas jinzammu seduti fuq il-meritu mill-Qorti bil-miftuh; il-kawza tinfetah wara awtorizazzjoni mill-Qorti meta lilha jigi rapportat li l-medjazzjoni ma sehhitx.

Din il-Qorti trid taghmilha cara li hi mhux qed tghid li, fl-ordinament guridiku taghna, ma hemmx mezz kif jistghu jigu kontestati digrieti simili bhal dak in ezami (bizzejjed li wiehed jirreferi ghall-mod ta' impunjazzjoni tad-digrieti mahruga mill-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja), pero`, li hi qed tghid hu li minn digriet simili li nhareg fl-istadju li nghata, ma hemmx appell kif imressaq mill-appellant Joseph Axisa. Il-Qorti ma tistax tissupplixxi ghal dak li l-ligi ma tipprovdix, u l-appell ghandu, ghalhekk, jitqies irritu u null.

Lanqas l-Artikolu 37 tal-Kodici Civili, li in forza tieghu l-ewwel Qorti ordnat l-izgumbrament tal-appellant mid-dar matrimonjali, ma jaghti dritt ta' appell. Anzi, is-subartikolu (7) jghid li digriet simili jista' <u>biss</u> jigi rivedut, mibdul jew revokat fuq rikors maghmul, u dan lill-istess Qorti li emanatu – is-Sezzjoni Familja tal-Qorti Civili – u mhux lil din il-Qorti. Dan hu s-sens tal-Artikolu 37 li jrid li, pendenti l-ghoti ta' decizjoni finali, kwistjonijiet bhal dawn jibqghu fl-isfera tal-gurisdizzjoni tal-Qorti li tkun qed tisma' l-kaz.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tqis l-appell interpost minn Joseph Axisa bhala irritu u null u qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

L-ispejjez marbuta ma' dan l-appell jithallsu kollha mill-appellant Joseph Axisa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------